MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 418/1993/1

**Carmelo Ellul sive Charles Ellul Sullivan bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J. Cachia Caruana Limited**

**v.**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell interpost mill-Kontrollur tad-Dwana minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta'

Ottubru 1997 li permezz taghha dik il-Qorti kienet laqghet it-talba tas-socjeta` attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut Kontrollur tad-Dwana. Permezz tac-citazzjoni promotrici ta’ din il-kawza, is-socjeta` attrici (illum is-socjeta` appellata) kienet talbet ir-rifuzjoni tas-somma ta’ elfejn mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm2,155) li hija ssostni li hallset indebitament lill-appellant Kontrollur tad-Dwana ghal *levy* allegatament dovuta fuq l-importazzjoni ta’ Sirtaki, Mikado Biscuits meta dawn ma kienux dovuti. Permezz tan-nota ta’ eccezzjonijiet presentata fl-14 ta’ Mejju 1993, il-konvenut eccepixxa illi:

1. It-talba hija preskritta skond l-Artikolu 8(2) tal-Att ta’ l-1989 dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali (Kap. 336); u li
2. F’kull kaz hemm karenza ta’ interess guridiku stante li l-flus li thallsu bhala *levy* gew migburin mill-grossisti, bejjiegha bl-imnut u klijenti ohra tal-istess socjeta` li hallsu mhux biss ghal-*levy* lill-atturi stess, izda l-istess atturi hadu wkoll persentagg [<u>recte</u>: percentwali] ta’ qliegh fuq din l-istess *levy*.

**<u>Is-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti</u>**

Permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Ottubru 1997, it-talba tas-socjeta` appellata giet milqugha u dan wara li giet michuda l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ interess guridiku. Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghal zewg sentenzi *“li kienu konnessi ma’ dina l-kawza u cjoe` 420/93 ta’ tnejn (2) ta’ Ottubru 1996 u 422/93 deciza fit-tlieta (3) ta’ Ottubru 1996”*. Ghall-ahjar intendiment ta’ din is-sentenza ta’ appell, qed tigi hawn riprodotta fl-intier taghha is-sentenza appellata:

“Il-Qorti,

**“PRELIMINARI**

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine ppremetta illi s-socjeta` attrici hallset indebitament u taht protesta lill-konvenut is-somma ta’ elfejn, mija u hamsa u

hamsin Lira Maltin (Lm2,155) u liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut bhala depozitu ghall-levy allegatament dovuta fuq l-importazzjoni ta' "Sirtaki, Makado Biscuits" meta l-istess ma kienux dovuti, dan kif jidher mir-ricevuta numru 47603 minnu rilaxxjata fit-23 ta' Marzu 1990 kif jirrizulta minn kopji ta' Dokumenti "A", "B", "C", u "D";

"Premess illi l-konvenut huwa ghalhekk obbligat jirrifondi tali flus lilu mhallsa indebitament kif inghad stante illi dawn ma kienux dovuti bhala imposta skond l-Att ta' 1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Att XXX1 ta' l-1989);

"Premess illi l-konvenut gie inutilment interpellat ihallas tali ammont permezz ta' ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u tas-7 ta' Settembru 1992;

"L-attur nomine talab li din l-Onorabbli Qorti:

"1. tikkundanna lill-konvenut ihallas u jirrifondi ghar-ragunijiet premessi lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn, mija u hamsa u hamsin Lira Maltin (Lm2,155) liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut ghall-levy allegatament dovuta fuq l-importazzjoni u thallsu indebitament mis-socjeta` attrici lill-konvenut.

"Bl-imghax minn notifika ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u tas-7 ta' Settembru 1992 u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi kontra l-konvenut.[1]

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine a fol 3;

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 17 fejn eccepixxa:

"1. Illi l-azzjoni hi preskritta a terminu tal-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Kap 336), artikolu 8(2).

[1] Hawnhekk fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti hemm is-segwenti vers, li pero` ma jidhirx li jaghmel sens: "1995, u tat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Frar 1996, kontra l-konvenuti."

“2. Illi fi kwalunkwe kaz hemm karenza ta’ interess guridiku stante li l-flus li hallsu bhala levy gew migburin mill-grossisti, bejjiegha bl-imnut u klijenti ohra taghha stess li hallsu mhux biss ghall-levy lill-atturi stess, izda l-istess atturi hadu wkoll percentagg ta’ qliegh fuq dan l-istess hlas ta’ levy.

“Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat il-verbal a fol 119;

“Rat l-eccezzjoni tal-konvenut a fol 120;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

**“Eccezzjoni Preskrizzjoni**

“L-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni kienet giet deciza u michuda f’zewg kawzi ohra bejn l-istess partijiet li kienu konnessi ma’ dina l-kawza u cjoe 420/93 ta’ tnejn (2) ta’ Ottubru 1996 u 422/93 deciza fit-tlieta (3) ta’ Ottubru 1996 (ara verbal a fol 112).

**“Eccezzjoni Interess Guridiku**

“Il-konvenut eccepixxa l-karenza ta’ interess guridiku da parti ta’ l-attur stante li l-ammont mitlub diga` ngabar minnu u anke sar profitt meta nbieghu l-oggetti in kwistjoni u fi kwalunkwe kaz l-imposta in kwistjoni kienet dovuta skond il-Ligi.

“Illi b’verbal (ara fol 119) l-attur iddikjara li l-merkanzija kienet inbieghet u fil-komputazzjoni tal-prezz kienet ittiehdet in konsiderazzjoni l-fatt li thallas il-Levy.

**“KONSIDERAZZJONIJIET**

“Dwar is-sottomissjoni tal-konvenut li l-imposta (levy) in kwistjoni kienet dovuta skond il-Ligi l-Qorti tirrileva li mix-xhieda ta’ Mario Gatt jirrizulta li l-attur kien intitolat li jitlob lura l-levy li kienet giet imposta fuqu. Dwar il-kwistjoni tal-import licence gie pruvat li l-attur kien dahhal il-merkanzija b’mod regolari.

“Il-konvenut eccepixxa li dak kollu li l-attur hareg bhala levy, hu gabru meta biegh l-oggetti, ghalhekk issa mhux intitolat li jitlob ir-refund taghha.

“Huwa veru li l-prezz ikun regolat bi price order li jiffissa margini ta’ profitt u huwa veru wkoll li meta nbieghet il-merkanzija in kwistjoni fil-komputazzjoni tal-prezz l-attur ha in konsiderazzjoni l-fatt li thallas il-levy. Izda l-levy mhiex taxxa jew imposta bhal VAT li wiehed irid jigbor minghand il-konsumatur u jghaddiha lill-Gvern izda hija imposta fuq oggett importat li l-importatur jiehdu in konsiderazzjoni, fost fatturi ohra, meta jigi biex jiffissa l-prezz.

“Jiddependi minn diversi fatturi kemm minn oggett ser tbiegh, kif u meta se tbieghu. L-importatur jista jbiegh l-oggett bi profitt, jistghu jbieghu b’telf jew jista ma jbieghu xejn, ez. ghax skadut. Hu riskju li kull negozjant jiehu.

“Il-fatt jekk oggett fiehx levy jew le hu fattur li importatur jiehu in konsiderazzjoni meta jiddeciedi kemm ser jimporta minn dak l-oggett.

“Li hu cert hu li d-Dwana mhiex intitolata izzomm ghandha levy li ma kienetx dovuta.

“Il-Qorti hi tal-fehma li l-attur hu intitolat li jitlob lura l-levy li giet imposta fuqha indebitament ghax skond ir-ragunijiet fuq esposti l-levy mhiex taxxa li hu jrid jigbor imma taxxa imposta fuqu u mhux fuq il-konsumatur.

**“DECIZJONI**

“Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ interess guridiku sollevata mill-

konvenut u billi ma jidhirx li hemm eccezzjonijiet ohra, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' it-talba ta' l-attur; bl-ispejjez kontra l-konvenut."

**L-appell tal-Kontrollur tad-Dwana**

Minn din is-sentenza sar appell, kif diga` inghad, mill-Kontrollur tad-Dwana. L-aggravji tieghu huma, bazikament, is-segwenti:-

1. Fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni: L-appellant jikkontendi li f'dan il-kaz, irrispettivament minn dak li setghet iddecidiet il-Prim Awla f'kawzi ohra bejn l-istess partijiet, f'dan il-kaz japplika l-artikolu 8(2) tal-Kap. 336 li jipprovdi li *"Any claim for the refund of a levy shall be made in writing within two years from the payment thereof."* Skond l-appellant *"Biex thallset il-levy il-klassifikazzjoni* [skond il-"Harmonised System of Classification"] *bilfors saret u d-Dwana tkun hadet posizzjoni dwar taht liema intestatura hija qieghda tikklassifika l-prodotti. Jekk l-importatur ma jaqbilx ma dik il-klassifikazzjoni ghandu sentejn biex jikkontestaha. Dak il-periodu ta' sentejn huwa tassattiv u wara li jiskadi l-klassifikazzjoni ma tistax tigi kontestata izjed anke jekk tkun skorretta."*
2. Fuq il-licenzja ta' importazzjoni: Skond l-appellant, meta gew importati l-prodotti, dawn gew ezentati mill-htiega ta' licenzja ta' importazzjoni ghaliex soggetti ghal *levy*. Ladarba l-importatur ghazel li jhallas il-*levy* minflok japplika ghall-hrug ta' licenzja, ma setax jitlob rifuzjoni tal-*levy*.
3. Fuq l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku: Skond l-appellant, l-appellat kien biegh il-prodott importat u gabar il-flus (li qed jirreklama minghand l-appellant) minghand il-grossisti u klijenti.
4. Il-levy kienet dovuta skond il-ligi: F'dan ir-rigward l-appellant Kontrollur tad-Dwana jghid hekk fir-rikors ta' appell tieghu – *"Dwar din l-eccezzjoni l-ewwel Onorabbli Qorti qaghdet fuq dak li xehed ix-xhud Mario Gatt fis-sens li f'xi zmien kienet saret laqgha fid-Dipartiment ta' l-Industrija fejn kien gie deciz li certi prodotti ma kellhomx jibqghu jigu kunsidrati taht certa klassifika (li tahtha kienu*

*jigu soggetti ghal*-levy*) izda kellhom jigu klassifikati taht ohra ezenti mil*-levy*. L-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet fis-sens li la darba dan ix-xhud qal hekk, hekk hu u ghalhekk hija evitat totalment l-ezercizzju li tara l-prodott in kwistjoni x'kien u li tezamina fil-fatt skond il-ligi, ghax il-klassifika hija ligi u mhux poter diskrezzjonali, taht liema intestatura tal-Harmonised System Code huwa kien klassifikabbli."*

**Il-fatti**

L-appellat importa affarijiet ta' l-ikel u hallas fuqhom *levy*. Permezz ta' dawn il-proceduri qieghed jitlob rifuzjoni tal-*levy* ghaliex, skond hu, ma kenitx dovuta *levy* fuq il-prodott importat. Fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' April 1997 (fol. 119 tal-atti), saret dikjarazzjoni mill-appellat, allura attur, fis-sens li ***"l-merkanzija kienet inbieghet u fil-komputazzjoni tal-prezz kienet ittiehdet in konsiderazzjoni l-fatt li thallas il-levy"***.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

(**A**) Jibda biex jinghad li fir-rigward tat-tieni u raba' aggravji li qed jigu prospettati fir-rikors ta' appell, qatt ma nghatat eccezzjoni formali f'dan is-sens quddiem l-Ewwel Qorti. Minn qari tan-nota ta' l-eccezzjonijiet (fol. 17) jidher car li fl-ebda mument l-appellant ma qajjem, jew ressaq ghall-attenzjoni tal-Ewwel Qorti, il-kontestazzjoni li qieghed issa jressaq fl-imsemmija aggravji bhala oggezzjoni fil-konfront tas-sentenza appellata. Kull ma sar kien li fis-seduta tal-15 ta' Mejju 1997 (fol. 120) gie verbalizzat li d-difensur tal-appellant, allura konvenut ***"jecepixxi l-karenza ta' nteress guridiku da parti tal-attur stante li l-ammont mitlub diga' ngabar minnu u anke' sar profitt meta nbieghu l-oggetti nkwistjoni u fi kwalunkwe kaz l-imposta nkwistjoni kienet dovuta skond il-ligi"***. Pero\` mill-atti ma jirrizultax li l-Qorti qatt giet mitluba taghti l-permess, jew li qatt tat il-permess, sabiex tigi prezentata eccezzjoni ulterjuri (Art. 728(2), Kap. 12). Dawn iz-zewg aggravji – it-tieni u r-raba' wiehed – b'ebda mod ma jistghu jitqiesu bhala eccezzjonijiet perentorji (Art. 732(1), Kap. 12).

Issa, huwa maghruf li fil-Qorti tal-Appell ma jistghux jigu sollevati eccezzjonijiet li qatt ma kienu gew sollevati quddiem l-Ewwel Qorti (salv dak li jinghad fl-Artikolu 732(1), *supra*, u fl-Artikolu 731, dejjem tal-Kap. 12). F'decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Gunju 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Malcolm Cachia nomine v. Joseph Apps nomine**, inghad: *"mhux lecitu li s-socjeta` konvenuta tqajjem materji ta' din ix-xorta quddiem il-Qorti ta' revizjoni kemm ghax dan ikun jissorprendi lill-kontroparti u jipprivaha mid-dritt tad-doppio ezami kif ukoll ghaliex il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom dawn il-kontestazzjonijiet ikunu bazati ikun ovvjament diga` sewwa maghrufa lill-appellanti qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti"*. Hekk ukoll fil-kawza **Raymond Borg et v. Hal Mann Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003, inghad: *"jekk allura s-socjeta' appellanti qeghda issa tirrileva dawn il-kontestazzjonijiet meta fl-ebda hin ma qajjmithom quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad ma huwiex konsentit illi issa din il-Qorti ta' revizjoni tokkupa ruhha minnhom"*. Fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Tabone et v. David Tabone et** deciza fil-31 ta' Jannar 2003, il-Qorti tal-Appell iddikjarat li: *"...ma tarax li ghandha tigi indirizzata l-linja difensjonali gdida li l-konvenuta appellanti ghogobha tressaq. Dan billi l-appell tal-konvenuta huwa necessarjament marbut mad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li cahdet l-eccezzjoni sollevata minnha fejn l-appellanti kienet qed tippretendi titolu ta' kera fuq il-fond mertu tal-kawza fil-konfront taghha u ta' zewgha. Din il-Qorti hija qorti ta' revizjoni u ghalhekk hija prekluza milli tindaga dwar, u tindirizza, elementi godda li ma jirrizultawx fil-prima istanza u li konsegwentement ma hemm ebda decizjoni dwarhom. Dana mhux biss inkwantu tali ndagini tkun tinnecessita is-smigh ta' provi godda fuq il-kwistjoni gdida sollevata fir-rikors tal-appell, liema provi ma jirrizultawx fil-process, izda wkoll billi b'kull decizjoni f'dan li stadju fuq materja gdida li ma kienitx mertu tas-sentenza appellata jigi lez id-dritt tal-partijiet ghad-doppio esame. Dan id-dritt jigi nieqes kemm-il darba din il-Qorti kellha tindirizza l-aggravju kif prospettat fir-rikors ta' l-appell li*

*ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li gie diskuss quddiem l-ewwel qorti".*

Din il-Qorti, ghalhekk, hi tal-fehma li ma tistax tiehu konjizzjoni aktar tat-tieni u tar-raba' aggravji, liema aggravji qed jigu ghalhekk respinti.

(**B**) Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 1997 il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-interess guridiku. Madankollu dik il-Qorti ghaddiet biex taghti decizjoni wkoll fuq l-eccezzjoni tall-preskrizzjoni. L-appellant Kontrollur tad-Dwana mhux jilmenta, fir-rikors ta' appell tieghu, minn din l-irregolarita`, u anqas hemm xi appell incidentali fuq dan il-punt.

(**C**) Kwantu ghall-ewwel aggravju, cioe dak dwar il-preskrizzjoni, l-Artikolu 8(2) tal-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Kap. 336) jipprovdi testwalment hekk: ***"Any claim for a refund of a levy shall be made in writing within two years from the payment thereof"***.[1]

Mill-atti jirrizulta li l-hlas sar fit-23 ta' Marzu 1990 [fol. 9], filwaqt li t-talba ghar-rifuzjoni saret permezz ta' ittra datata 25 ta' Marzu 1992 [fol. 8].

L-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghal zewg sentenzi ohra taghha[2] fejn kienet iddikjarat li l-perjodu ta' sentejn jibda jiddekorri minn meta l-importatur ikun sar jaf illi 'ghandu dritt' ghar-rifuzjoni. Issa, l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili jipprovdi *inter alia* hekk: *"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata…"*. Pero` fil-kaz tal-ligi in kwistjoni, jidher bic-car li l-intenzjoni tal-legislatur

[1] L-Artikolu 8 tal-Kap. 336 jipprovdi hekk: *"(1) Any levy on goods which are not released by the Controller shall not be refunded unless: (a) it is shown to the satisfaction of the Controller that such goods had not been landed in Malta; or (b) the release of the goods is witheld through no fault of the importer. (2) Any claim for the refund of a levy shall be made in writing within two years from the payment thereof."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-Qorti qed tuza t-test ingliz tal-ligi ghax hekk ghazel li jaghmel l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu.

[2] **Carmelo sive Charles Ellul Sullivan noe v. Il-Kontrollur tad-Dwana** P.A. 2/10/1996, u **Carmelo sive Charles Ellul Sullivan noe v. Il-Kontrollur tad-Dwana** P.A. 3/10/1996.

kienet li jimponi terminu perentorju ta’ sentejn mid-data li fiha tkun thallset il-levy. Dan minghajr ebda distinzjoni. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, dan huwa perjodu ta’ dekadenza u mhux ta’ preskrizzjoni, u ghalhekk m’huwiex soggett ghar-regoli tal-preskrizzjoni kif insibuhom fil-Kodici Civili. L-interpretazzjoni ta’ disposizzjoni simili la ghandha tkun favur l-importatur u anqas favur l-appellant izda *“...quando le leggi tributarie sono chiare non è permessa alcuna interpretazione, ma esse devono essere applicate nel loro senso letterale, poiche l’ interpretazione che meglio si addice alle leggi tributarie, anche nel dubbio, come c’insegna Ulpiano, è la letterale: ‘in re igitur dubia melius est verbis Edicti servire’; sezione I para. 20 Digesto ‘De Exercitoria actione’. Ne possono sempre le leggi tributarie interpretarsi con le regole del diritto comune, poiche` in simili leggi, il legislatore molte volte sente il bisogno di discostarsi da quelle regole per assicurare una maggiore produttivita` imponendo sacrifici al singolo cittadino pel bene collettivo e per tutelare la legge contro possibili evasioni*.” [Qorti tal-Appell decizjoni riportata fil**-Vol. XXVIII P I p 523**, fuq dak li nghad fis-sentenza “**Dottor Carlo Manche` v. Onorevole Huber nomine**”, (7 ta’ Dicembru 1921)],

Apparti dan, pero`, fil-fehma tal-Qorti l-provvediment in kwistjoni ma hux applikabbli ghal dan il-kaz, u dan peress li s-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 8 tal-Kap. 336 ghandu neccessarjament jinqara flimkien mas-subartikolu (1) ta’ l-istess artikolu, b’mod ghalhekk li huwa evidenti li dan is-subartikolu (2) qed jikkontempla talba ghal rifuzjoni ta’ *levy* fejn l-oggetti ma gewx rilaxxjati mill-Kontrollur. Fil-kaz odjern jidher li l-merkanzija giet fil-fatt rilaxxjata, tant li effettivament inbieghet. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta’ l-appellant Kontrollur tad-Dwana qed jigi respint.

(**D**) Jibqa’ biex jigi kkunsidrat it-tielet aggravju ta’ l-appellant, cioe` dak ta’ karenza ta’ interess giridiku. Il-hlas reklamat mill-appellat huwa hlas ta’ *levy* imhallsa meta giet importata l-merkanzija meritu tal-kawza. In tema ta’ dritt, *“kull hlas jissoponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista’ jintalab lura”* (Artikolu 1147(1) tal-Kodici

Civili). Min-naha l-ohra, sabiex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq ikun jista' jintalab lura, jehtieg li l-hlas ikun sar bi zball, u "…*il-pagament hu maghmul bi zball meta jsir fl-opinjoni zbaljata li tkun qeghda tigi ezegwita obbligazzjoni, minghajr distinzjoni bejn zball ta' fatt u zball ta' dritt, sakemm l-izball ta' dritt ikun il-kawza unika jew principali tal-pagament u l-haga ma tkunx dovuta lanqas ghall-obbligazzjoni naturali"* (**Maria Grech v. Filippo Abela** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' April 1961 u riportata fil-Volum XLV.iii.782). Qari tal-Artikolu 1022(1) tal-Kodici Civili juri li l-bazi tal-azzjoni ta' *indebiti solutio* huwa li zball ma ghandux japprofitta minnu min ikun ircieva l-hlas. Dan skond il-massima ***iure naturae aequum est, menimen cum alterius detrimento (et inuria) fieri locupletiorem*** -- *Regulis Iuris, 206, Pomponius l. IX. ex variis lectionibus* (ara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Frar 1957 fil-kawza **Alfred Tonna et v. Carmela Bugeja et**).

Issa, mill-provi rrizulta bl-iktar mod car li l-appellat kien irkupra l-levy meta biegh il-merkanzija in kwistjoni. F'dan ir-rigward issir referenza ghax-xiehda li Carmelo Ellul Sullivan ta fis-seduta tat-8 ta' Marzu 1994, fol. 42:-

***"Avukat: jigifieri inti taqbel illi l-levy din il-levy in kwistjoni giet mehuda in konsiderazzjoni meta qed jigi ffissat il-prezz ta' l-oggett ?***
***Xhud: Daz-zgur bil-fors.***
***Qorti: Jigifieri nghid tajjeb Sur Ellul Sullivan illi inti effettivament dak kollu [li] hrigt bhala levy, gbartu meta ergajt beghtu ?***
***Xhud: Bil-fors Sur Imhallef. Ghax jien ma kontx naf li ha nigbru. Pero` sur Imhallef, jekk nista' nzid u nghid, kieku jien kont naf, u kieku avzawni qabel id-Dwana li levy ma nhallasx, mhux zewg containers f'sena kont nbiegh, nahseb kont nbiegh ghoxrin container, ghax l-prezz kien ikun irhas hafna. U hemm jaqbilli jien, meta jkun prezz baxx biex inbiegh"***.

Il-kawza odjerna m'hijiex wahda ghal danni, izda talba sabiex l-appellat jithallas lura flus li huwa jsostni li hallas lill-appellant indebitament. Mill-provi rrizulta

inekwivokabbilment li l-appellat gabar il-flus li qieghed jirreklama meta biegh il-merkanzija fis-suq. Wiehed mill-elementi tal-interess guridiku hija l-attwalita`, element li jrid jibqa' jezisti tul il-kors tal-proceduri kollha. Jekk l-interess jigi ezawrit u rez fix-xejn wiehed ma jistax ikompli jqis li l-interess jibqa' attwali. *Ex admissis* l-appellat qal li huwa kien diga' gabar il-*levy* li hallas meta biegh il-merkanzija. Jekk it-talba tal-appellant tigi milqugha jkun ifisser li huwa jkun qieghed jerga' jigbor hlas li diga' gabar minghand haddiehor. L-interess li l-appellant jippretendi li ghandu biex jigbor lura *levy* li huwa stess ammetta li gabar minn sorsi ohra, ghalhekk ma jezistix. L-azzjoni ta' hlas indebitu hija ntiza biex ma thalli lil hadd japprofitta ruhu minn zball li ha haddiehor, u sabiex dik il-parti terga' tigi mqieghda fil-posizzjoni li kienet qabel ma hadet l-izball. Pero` mill-provi rrizulta li l-appellat ircieva minn sors iehor il-hlas reklamat f'dawn il-proceduri. F'dawn ic-cirkostazi l-appellat ma jistax jargumenta li jissussisti l-presuppost specifiku tal-azzjoni gudizzjarja li huwa l-interess guridiku, ***"...il-fatt, cjoe', kwantu ghall-attur, illi minghajr intervent tal-organi guridizzjonali, huwa jsofri dannu ngust. Dan l-interess irid ikun jezisti fil-mument li tkun spjegata l-azzjoni. L-attur irid juri illi ghall-ezercizzju tad-dritt tieghu huwa ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti; irid juri li mill-kawza huwa jirritraji utilita' rikonoxxuta mil-ligi"*** (ara **Neg. Albert Victor Bartoli pro et. noe v. Edwin Zammit Tabona et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu 1961 u riportata fil-Vol. XLV.i.58). Ghalhekk fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti l-eccezzjoni tal-karenza ta' interess guridiku kienet wahda valida li l-ewwel Qorti malament irrespingiet.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell tal-Kontrollur tad-Dwana, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tirrespingi t-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni. L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------